MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru. 774/2009

**Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Simon Brown**
**Christian Formosa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Simon Brown ta' 41 sena, bin Alfred u Alice nee' Agius, imwieled Attard fit-12 ta' Frar 1968 u residenti fi Plot 7, Maisonette 2, Triq G. Lebrun, Ta' l-Ibragg, Swieqi, u detentur tal-karta tal-identita' numru 200968(M) u l-imputat Christian Formosa ta' 25 sena, bin Carmel u Monica nee' Abela, imwieled Pieta' fit-13 ta' Awwissu 1984, residenti f'31, Flat 4, Triq il-Kulleggjata, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 413784(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ Settembru 2008 jew fil-jiem ta’ qabel, ghamlu falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

Fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privat li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

Lil Simon Brown wahdu talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, vettura ta’ l-ghamla Audi 80 Saloon bin-numru ta’ registrazzjoni FOR-999 b’valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37),

liema vettura kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan minhabba kummerc, ghad-dannu ta' Nicholas sive Colin Brincat ta' Brincat Motors sitwati fil-Pieta';

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Nicholas sive Colin Brincat ta' Brincat Motors sitwati fil-Pieta'.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Gunju, 2009 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2010 l-imputati iddikjaraw li ma kellux oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati Simon Brown u Christian Formosa kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Jannar 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati Simon Brown u Christian Formosa, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imsemmija imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li kkoperaw bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll l-fatt li Christian Formosa ghandu fedina penali netta u Simon Brown ghandu fedina penali relattivament netta.

Wara li rat l-Artikoli 183, 184, 187 (1) (2), 189, 293, 294, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat Simon Brown hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 187 (1) (2), 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Christian Formosa hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------